# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru 2001.**

**Numru 2**

**Citaz. numru 977/86 AJM**

**Gioacchino di Rienzo u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2001 stante l-mewt tal-istess Gioacchino di Rienzo l-atti gew trasfuzi f'isem l-Avukat Leslie F. Grech in rapprezentanza tal-assenti Ezio Cardarelli, Ermenegildo Cardarelli, Paola Cardarelli, Gino Basti, Renato Basti, Evelina Rapino, Rita Rapino, Vincenzo di Rienzo u Anna Maria di Rienzo ; Katherine Blemings ; u b'digriet tas-6 ta' Gunju 1989 stante l-mewt ta' Katherine Blemings il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria mart Roger Strickland ; Melita Strickland ; Carmelo Pace bhala mandatarju tal-assenti Harris Strickland Colt, ta' Josephine sive Gwynneth Strickland u ta' Richard Strickland u b'nota tat-3 ta' Frar 1995 Marthese Falzon assumiet l-atti tal-kawza in rapprezentanza ta' l-assenti atturi (a) Harris Strickland Colt (b) Josephine sive Gwynneth Strickland (c) Richard Strickland minflok missierha Carmelo Pace li miet fil-mori tal-kawza ; Jarrard, Adrian, u Roger ahwa Strickland ; James Micallef Eynaud f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti Carmen Vortouni,**

**Evelyn Mallia u William Micallef ; Maria Felicita Bernard ; Helen Lowell ; Maria Aurea sive Marigold Bonnici ; Ines Falzon ; Giuseppe Cuschieri u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2001 stante l-mewt ta' Giuseppe Cuschieri l-atti gew trasfuzi f'isem Annunziata mart Louis Vincenti ; Evelyn, Lawrence u Magistrat Dennis Montebello, Christine Chersci, Louise Anne Cachia, Joseph Gatt u Jane Theuma f'isimhom proprju u bhala mandatarji specjali tal-assenti Paul, Helen Massa u Carmen sive Carmela Ring ; Josephine Fursman ; Emilia armla Farrugia ; Grezzju Carabott u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2001 stante l-mewt ta' Grezzju Carabott l-atti gew trasfuzi f'isem Maria armla tieghu u wliedhom George Carabott, Mary Attard, Joseph Carabott u Rose Stolk ahwa Carabott ; Emilia mart Carmelo Farrugia ; Mary Gauci ; Carmela Carabott f'isimha proprju u bhala mandatarja tal-assenti Salvu, Carmelo sive Nenu u Joseph ilkoll ahwa Carabott ; Catherine Foromsa, Marianna Cutajar ; Mary Mintoff ; Maria Concetta Baldacchino ; Josephine D'Amico ; Anthony u Ernest ilkoll ahwa Azzopardi ; Tessie Mercieca ; Anthony Mercieca bhala mandatarju tal-assenti Peter u Francis Carabott ; Giovanna Brincat u Aronne Gatt, Adrian Calleja, Felic u Aronne ahwa Gatt ulied il-mejjet Antonio ; Carmela armla Gatt u ulieda Martese u Joseph ahwa Gatt ; Emmanuele Sapiano ; Mary armla minn Joseph P. Galea u b'digriet tad-29 ta' Dicembru 1995 stante l-mewt, fit-13 ta' Jannar 1995, ta' ommhom l-attrici Mary armla minn Joseph P. Galea l-gudizzju gie trasfuz f'isem uliedha Maria mart Joseph Paris, Joan, Robert, Francis u Joseph ilkoll ahwa Galea Naudi – naturalment u limitatament ghall-interess li kellha l-istess Mary Galea f'din il-kawza.**

**vs**

**Maria Bianca u Joseph Pace Bonici Mompalao ; Ines Samut ; Paul, Mary u Albert**

**ahwa Ambrogio ; Joseph u Vincent Borg Carbott ; Mary Rose Busietta u Lilian Abela ; Maria Rosa Consiglio f'isimha proprju u bhala mandatarja tal-assenti Karl Consiglio; Christa Diacono ; Andrew, Julian u Carolina Consiglio ; Joyce Grech u t-Tabib Dr. Francis Consiglio f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti Ramon Consiglio, Maura Said, Stephanie Camilleri u l-Perit Joseph G. Huntingford ; l-Avukat Dottor Joseph Zammit Maempel bhala prokuratur tal-interdett Edward Buscemi LeBrun ; Hubert Rizzo u b'nota tat-2 ta' Mejju 1989 stante l-mewt tal-istess Hubert Rizzo, l-atti tal-kawza gew assunti minn Margaret armla Rizzo f'isimha proprju bhala uzufruttwarja u f'isem l-ulied minuri Michael, Daniela, Stella u Richard ; Marlene Chetcuti Ganado ; Maria u Romilda ahwa Pace Bonici Mompalao u b'digriet tal-31 ta' Mejju 1989 stante l-mewt ta' Romilda Pace Bonici Mompaloa l-atti tal-kawza relattivament ghall-interess li kellha gew assunti mill-avukat Dottor Joseph Said Pullicino f'ismu proprju u ghan-nom tal-assenti huh Antoine, Monsignor Arthur, Louis, Philip, Margaret u Maryanne mart Joseph Tabone Adami lkoll ahwa Said Pullicino, Carmen Rizzo in rappresentanza ta' uliedha minuri Anna u Veronica Rizzo, Christopher u Nadia Rizzo ; Louis Pace u b'nota tal-1 ta' Gunju 1989 Miriam mart Gabriel Pellegrini assumiet l-atti tal-kawza stante l-mewt ta' missierha Louis Pace ghall-interess li hu kellu ; l-Avukat Dottor Joseph Said Pullicino f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti Antoine Said Pullicino, Monsignur Arthur, Louis, Philip, Margaret u Mary Anne mart Joseph Tabone Adami lkoll ahwa Said Pullicino, Evellina sive Evelyn Bonnici Mompalao ; Iris Azzopardi ; Rose u Anthony Saliba bhala mandatarju tal-assenti Carmela Saliba u ta' Joseph Quintano ; Avukat Dottor Grezzju Mercieca u Prokuratur Legali Edgar Montanaro b'digriet tas-27 ta' Jannar 1987 nominati kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-assenti Carmelo Buscemi**

**LeBrun u l-eredita tal-giaceti ta' ohtu Antonia armla Durkin sive Newman ; lill-assenti Concetta, Ugolino, Giorgio, Marianna armla minn Antonio Gobbi u Grazia armla minn Pier Antonini, ilkoll ahwa Bonici, l-ereditajiet giacenti ta' Ruggero u Angelica armla Mallia ahwa Micallef, u tan-neputi taghhom Erconide Micallef bin il-mejjet Orazio; u l-eredita gjacenti ta' John Vassallo sive Vasey.**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar 1993 fl-atti ta' dina l-kawza, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-12 ta' Novembru 1986 li biha l-atturi wara li ppremettew illi l-kontendenti jippossjedu flimkien u indivizament l-ghalqa b'kamra eretta fuqha, msejha "tal-Ehriek" fil-kuntrada ta' gebel Ciantar maghruf anke "tal-Bajada" u tal-"Fawwara" fil-limiti tas-Siggiewi li ghandha l-kejl ta' cirka tlieta u ghoxrin tomna, zewg sighan u tmien kejliet (T23.2.8) ekwivalenti ghal metri kwadrati 26,370, u tikkonfina mit-tramuntana u mil-punent ma' proprjeta' tal-Gvern ta' Malta u mil-lvant u minn nofsinhar mat-triq pubblika tal-Fawwara, kif jidher, kulurit bl-ahmar, fil-pjanta markata DOkument A ; li b'nota prezentata f'din il-Qorti fis-16 ta' Jannar 1984 il-pis piju ta' quddies ta' Lm1.50 fis-sena li ghalih kienet soggetta din l-ghalqa, ma baqax isehh u ghalhekk din l-istess ghalqa tista' salv kull eventwali rivivixxenza ta' dak il-pis piju tigi kunsiderata bhala frank u libera ; illi stante n-numru tutt altro minn zghir tal-possidenti u d-differenzi kbar ferm li jezistu fl-entita' ta' hafna mill-kwoti indivisi bejn dawn rispettivament posseduti, kif juri l-appositu elenku hawn unit, markat Dokument B, jirrendi din l-art mhux materjalment u minghajr evidenti diskapitu divisibbli bejn l-istess numerosissimi komproprjetarji f'porzjonijiet korrispondenti "in natura" ghall-istess rispettivi attwali kwoti indivisi u ghalhekk hemm lok skond il-ligi ghar-rimedju u ghall-procedura infraskritta li l-atturi f'dan il-gudizzju, peress li ma jridux jibqghu jippossjedu dan il-fond in

komune bejn xulxin u mal-hafna komproprjetarji l-ohra, qeghdin bir-rispett jitolbu l-attwazzjoni u l-applikazzjoni taghhom ; talbu li previa d-dikjarazzjoni li l-fond de quo mhux komodament u minghajr diskaputu divisibbli in natura – m'ghandhiex din il-Qorti (1) tordna l-licitazzjoni tal-fuq deskritta ghalqa b'kamra maghha, imsejha tal-Ehriek, wara relativa relazzjoni u valutazjoni minn perit arkitett li, in difett ta' qbil bejn il-partijiet, jigi maghzul u nominat minn din il-Qorti, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, sabiex il-prezz nett definittiv li jigi hekk rikavat ghall-fond intier u depositat mill-liberatarju, jigi mqassam bejn il-kontendenti u minnhom konsegwit skond ir-rispettivi kwoti ta' komproprjeta' murija fuq il-predett unit Dokument B.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-atturi.

Rat in-nota ta'eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Grazio Mercieca u l-P.L. Edgar Montanaro nomine li permezz taghha filwaqt li qalu li mhux edotti mill-fatti u jirriservaw id-dritt li jippresentaw eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri, talbu li jigu ezentati li jirrapprezentaw il-persuni kollha msemmija fid-digriet tan-nomina minhabba interessi konfliggenti bejniethom.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-Av. Dr. Joseph Said Pullicino et tal-24 ta' Frar 1987 fejn gie eccepit :-

1. Illi l-konvenuti Maria Bianca u Joseph Pace Bonici Mompalao jopponu illi ssir licitazzjoni nkwantu huma ghandhom sehem rilevanti mit-territorju in kommunjoni u jixtiequ li jiehdu sehemhom f'art in kwantu f'dan ir-rigward tista' ssir id-divizjoni bla diskapitu.

2. Illi l-konvenuti l-ohra ma jopponux ghal licitazzjoni tar-rimanenti proprjeta' salv il-verifika tal-kwoti.

Rat id-dikjarazzjonijiet u l-listi tax-xhieda tal-konvenuti.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Gunju 1987 li permezz tieghu inhatar bhala Perit Legali l-Avukat Dottor Carmelo Vassallo bl-assistenza tal-AIC William Micallef sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-rapport tal-Periti mahluf fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 1992.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Dicembru 1992 f'liema data l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum wara li d-difensuri presenti fl-awla rrimettew ruhhom ghar-rapport.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat :-

Illi l-Perit Legali ghamel ezami dettaljat tad-diversi kontendenti u t-titolu taghhom ghal sehem mill-proprjeta' meritu tal-kawza. U wara li ezamina d-diversi digrieti ta' din il-Qorti li permezz taghhom il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' eredi ta' whud mill-partijiet, illum mejta, flimkien u bl-assistenza tad-difensuri tal-kontendenti, wasal ghal konkluzzjoni li l-partijiet fil-kawza huma dawk indikati fid-dokument XXX esebit fis-17 ta' Jannar 1992 u kif riportat fil-Kapitolu XIII tar-Rapport (fol. 104 sa fol. 109 tal-process). Din il-lista tindika wkoll il-kwoti rispettivi tal-partijiet.

Gew indikati wkoll mill-perit legali dawk il-partijiet li, in forza ta' testment jew minhabba l-operazzjoni tal-ligi, ghandhom uzufrutt fuq is-sehem dovut lil uhud mill-kontendenti kif dettaljament spjegat fil-Kapitolu XIV tar-rapport (a fol. 109 – 110 tal-process)

Illi l-lista indikanti l-partijiet bil-kwoti rispettivi taghhom giet presentata mill-atturi kif fuq inghad. B'dana kollu l-konvenuti ma resqu ebda kumment dwar din l-istess lista u dak sottomess mill-gharef perit u billi l-Qorti ma ssib ebda raguni biex tvarja l-konkluzzjonijiet peritali taghmilhom taghha u konsegwentement tiddikjara li l-kontendenti, bil-kwoti rispettivi taghhom, huwa dawk indikati fir-rapport peritali a fol. 105 sa 109 tal-process.

Illi dwar l-eccezzjonijiet sollevati mill-Avukat Dottor Grazio Mercieca u l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro fil-kapacita' taghhom ta' kuraturi ta' diversi kontendenti assenti, kif sewwa ssottometta l-istess Perit Legali, ma tressqux provi u ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda.

Dwar l-eccezzjoni ta' Maria Bianca u Joseph Pace Bonnici Mompalao li opponew il-licitazzjoni billi tista' ssir divizjoni b'mod li huma jiehdu sehemhom in-natura, il-Perit Tekniku l-AIC William Micallef wasal ghall-konkluzzjoni li l-proprjeta' mhiex komodament divisibbli u ghalhekk l-eccezzjoni ma tistax treggi. Hawn ukoll ghandu jigi rilevat li l-istess konvenuti, moghtija l-opportunita' jressqu s-sottomissjonijiet taghhom dwar ir-rapport peritali naqsu li jaghmlu dan.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija u konformement ma' dak sottomess fir-rapport tal-Perit Legali, kif ser jinghad hawn taht, il-Qorti,

> filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Grazio Mercieca et nomine u ta' Maria Bianca u Joseph Pace Bonici Mompalao, tipprovdi dwar l-istanza billi :-
>
> 1. Tiddikjara li l-partijiet fil-kawza, bir-rispettivi kwoti mill-art tal-"Ehriek" fil-limiti tas-Siggiewi indikata fic-citazzjoni, huma dawk indikati fil-Kapitolu XIII tar-rapport peritali a fol-. 104 sa 109 tal-process u dana billi saru diversi korrezzjonijiet u assunzjonijiet fil-mori tal-kawza, u
>
> 2. Tordna li l-ghalqa msemmija, kif stmata u dettaljament deskritta mill-AIC William Micallef fir-rapport tieghu a fol. 115 u 116 tal-process, ghandha tinbiegh in licitazzjoni bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estranei, u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti skond il-kwoti fuq indikati, b'dana li l-ammonti dovuti lin-nudi proprjetarji indikati fil-kapitolu XIV tar-rapport, ghandhom jigu zbankati minn nudi proprjetarji u l-uzufruttwarji flimkien.
>
> L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-kontendenti kollha skond ir-rispettivi kwoti."

Minn dik is-sentenza appellaw Maria Bianca u Joseph Pace Bonici Mompalao permezz ta' rikors ta' appell prezentat fid-19 ta' Frar 1993, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza apellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn addottat il-perit peritali u ordnat il-bejgh in licitazzjoni tordna li dan isir biss wara li l-Qorti tkun, permezz tal-istess perit, iddeterminat liema parti mill-immobbli ghandha tkun assenjata lilhom in sodisfazzjoni tal-kwota taghhom kif tirrizulta fl-istess rapport peritali, liema porzjon art ghandha konsegwentement tigi lilhom assenjata.

Giet prezentata risposta oppozitorja ghall-appell mill-atturi kollha u din tinsab a fol. 19. Din giet prezentata fit-13 ta' Marzu 1994.

Minn dakinhar dan l-appell ghadda minn travalji innumerevoli u cirkostanzi illi fuqhom din il-Qorti assulutament ma kellhiex kontroll bir-rizultat illi issa qieghed jigi deciz iktar minn seba’ snin wara illi inghatat is-sentenza tal-ewwel Qorti. Jigi rilevat illi l-ewwel kien hemm kwistjoni shiha fuq min ghandu jigi notifikat u minn m’ghandux, imbaghad qamet kwistjoni li giet rizoluta minn din il-Qorti ghal kull buon fini. Mietu fid-dekors tal-appell diversi mill-kontendenti u kellha ssir it-trasfuzjoni tal-gudizzju l-legittimazzjoni tal-atti f’kull kaz. Gie skopert illi l-kwoti tad-diversi porzjonijiet kif rapprezentati fis-sentenza appellata kienu zbaljati u allura kellu jsir ezercizzju mill-gdid biex jigi stabbilit kif inhuma mqassmin il-kwoti bejn id-diversi kontendenti. Imbaghad kien hemm tentattiv ta’ transazzjoni; sar ftehim illi jitqabbad il-perit Fenech biex jipprova jwassal l-partijiet ghat-transazzjoni kif kienu qeghdin jixtiequ huma u kif ser jigi spjegat ftit iktar ‘il quddiem. Il-perit ghamel dan l-esercizzju, skopra illi fost affarijiet ohra l-estenzjoni tal-art kif tirrizulta effettivament ma kienitx ezatt kif proposta f’din l-istanza billi parti sostanzjali mill-art illi trid tigi maqsuma rrizulta li tappartjeni lill-Gvern u mhux lill-partijiet. Imbaghad gew sottomessi lil din il-Qorti zewg alternattivi minhabba kwistjoni ta’ spiza involuta fir-rapport peritali u cioe’, ta’ kif kellha tigi konfigurata l-art tal-fini tal-proposta divizjoni, u sakemm iddecidew il-partijiet, s’intendi, ghaddew is-snin.

Issa finalment din il-Qorti minghajr ma jidhrilha li ghandha ghalfejn tidhol fid-dettalji ta’ ezattament x’gie sottomess fil-kors tad-diversi

trattazzjonijiet li saru quddiemha fil-mori ta' dan l-appell hafna drabi wara rikorsi ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sejra minflok tippronunzja din is-sentenza abbazi tar-rapport peritali kif prezentat mill-perit Albert Fenech liema rapport jinsab ezebit fil-process a fol. 132.

Rilevanti primarjament mir-rapport peritali huwa dak illi jirrizulta mill-paragrafu enumerat 17 u cioe' illi Dr. Caruana Galizia kien irrileva illi minhabba l-kumplikazzjonijiet li kienu nqalghu, l-eredi ta' Cosimo Montebello ma baqghux jixtiequ li tigi assenjata lilhom porzjoni divisa, kontrarjament s'intendi ghal dak li kien jirrizulta minn verbal appozitu precedentement li ghalih ukoll hemm referenza fir-rapport peritali. Dr. Caruana Galizia, inoltre, kien qabel mal-konfini kif kienu gew indikati mill-gabillot, u kif hemm spjegat fl-istess relazzjoni flok min kif kienu murija fil-pjanta Dok A annessa mac-citazzjoni u qabel ukoll mal-proposta tal-espert, il-perit Fenech, rigward 'field survey' limitat.

Fir-rigward tad-divergenza ghal dawk li huma konfini bejn dak li gie stabbilit eventwalment mill-perit Fenech ghal dak illi l-partijiet kienu originarjament indikaw fid-Dok A anness mic-citazzjoni, hija ampjament spjegata fir-relazzjoni tal-istess perit u ma jidhirx li din il-Qorti ghandha ghalfejn tidhol fiha 'il ghaliex essenzjalment, hi ser tadotta r-relazzjoni peritali, u tindirizza l-ezitu ta' din il-vertenza bejn il-partijiet fis-sens ta' divizjoni fit-termini, u kif qed jigi propost mill-istess perit wara l-ftehim illi jirrizulta li ntlahaq bejn il-partijiet.

Jirrizulta wkoll dejjem mill-paragrafu 17 tar-relazzjoni msemmija illi Dr. Caruana Galizia qabel ukoll illi l-porzjoni ta' decima parte, cioe' 1/10 mit-territorju kollu involut tigi assenjata lil Maria Bianca Pace Bonici Monpalao imbasta din tkun fejn lanqas taghmel hsara, li fuqha ma jkollhiex bini, bir jew ghajn, u tkun f'tarf jew iehor tat-territorju, minghajr drittijiet ta' passagg fuq il-kumplament. Kien hemm indikazzjoni wkoll minn Dr. Caruana Galizia li l-ispejjez u d-drittijiet kollha tal-perit tekniku, cioe' tal-perit Fenech, jigu sopportati interament mill-appellanti.

Jirrizulta, kif diga' inghad illi fit-13 ta' Ottubru 1998 il-perit Fenech gie awtorizzat minn din il-Qorti sabiex jipprocedi bil-pjan ta' divizjoni tal-art in kwistjoni kif gie propost wara li kien ipprezenta in-nota dwar il-kaz fid-9 ta' Settembru 1998.

Kif hemm indikat ukoll fil-paragrafu 20 tar-relazzjoni peritali, il-perit Fenech wara li skopra r-rikorrenza fil-cabreo li ghaliha hemm riferenza fil-paragrafu 19 kien f'posizzjoni illi jipprepara pjanta li tkun il-bazi tad-divizjoni kif kien indikat fin-nota li kien ipprezenta fid-9 ta' Settembru 1998 ibbazata fuq ingrandiment maghmul bil-computer bid-digital survey tal-lokalita' ghal skala ta' 1/500 u fuqha huwa zied il-konfini tal-art in kwistjoni li ma kienux jidhru s'intendi fid-digital survey izda setghu jingabru bl-'field survey' limitat li sar fuq il-post, jew fejn dan ma kienx possibbli, minn ingrandiment ta' survey sheet qadima. Din il-Qorti

tinsab pjenament sodisfatta illi dan l-ezercizzju sar tajjeb u fi kwalunkwe kaz ma gietx ipprezentata bikrita ghalih jigifieri din il-Qorti partikolarment fuq il-bazi ta' dak illi jiddikjara l-istess perit fil-paragrafu 20 tar-relazzjoni tieghu u in mankanza ta' indikazzjoni li dik id-dikjarazzjoni mhux ta' min joqghod fiha taddotta pjenament l-attendibilita' tal-pjanta preparata mill-istess perit u, li kif inghad, ser tkun il-bazi tad-divizjoni.

Finalment din il-Qorti taghmel riferenza ghall-paragrafu 21 tar-relazzjoni tal-perit Fenech u trid illi din tkun tifforma parti integrali minn din is-sentenza peress illi fiha hemm indikat is-sehem li ser jigi assenjat lill-appellanti, cioe', decime parte ($^{1}/_{10}$) mit-total.

Biex jigi facilitat ix-xoghol, din il-Qorti ser tirriproduci hawn il-paragrafu 21 tar-relazzjoni peritali biex imbaghad tghaddi ghad-decide.

> "Ghal biex jigu faciltat riferiment ghall-pjanta Dok. A, qeghed tigu hawn annessa kopja taghha, u qeghed jigu hawn annessi wkoll dawn il-pjanti :-
>
> Dok. AF1 Parti minn Old Survey Sheet No : 125.
> Dok. AF2 Parti minn Malta Survey Sheet No : 4666, li hija iktar ricenti.
> Dok. AF3 Pjanta, skala 1/500, bil-linja divisjonali, bejn l-art tal-appellanti u dik tal-ko-proprjetarji l-ohra kollha, kif proposta mill-esponent.
>
> In konkluzjoni, jrid jinghad illi fic-citazzjoni u fuq il-pjanta Dok. A, il-kejl tal-art in kwistjoni, l-Art "Ta' l-Ahriek", limiti tas-Siggiewi, huwa ta' 23T. 2S. 8K., ekwivalenti ghal cirka 26370 metru kwadru, b'indikazzjoni zbaljata ta' estensjoni tal-konfini fuq art tal-Gvern.

> Fil-fatt il-konfini ta' bejn l-art tal-Gvern u l-art mertu ta' din il-kawza, qeghdin mal-bicca hajt li minn quddiem il-Kappella tal-Karmnu, jibqa' tiela fil-prolungament tieghu 'l fuq lejn l-irdum ; u l-kejl globali, kif ikkalkulat mill-esponent, fil-fatt huwa cirka 24711.70 metru kwadru, ekwivalenti ghal cirka 21T. 5S. 9K.
>
> Is-sehem tal-art tal-appellanti, mehud mit-tarf tal-art in kwistjoni, fejn m'hemmx bini, huwa 10% mit-total, cioe' cirka 2471.20 metru kwadru, ekwivalenti ghal cirka 2T. 1S. 2K. ; u ghalhekk il-kejl tar-rimanenti parti tal-art in kwistjoni, tal-ko-proprjetarji l-ohra kollha, huwa cirka 22240.50 metru kwadru, ekwivalenti ghal cirka 19T. 4S. 7K."

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi mill-appell kif gej :-

Billi fit-termini tar-rapport peritali u insenjatament ta' dak illi hemm fil-paragrafu 21 segwit bil-konkluzjoni kif jidher supra mill-istess relazzjoni, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn intalab li tigi konfermata u anke fejn ordnat il-bejgh f'din ic-citazzjoni tilqa' t-talba illi qabel ma dan isir tkun assenjata lill-appellanti parti diviza mill-art in kwistjoni in sodisfazzjon tal-kwota taghhom u konsegwentement tordna illi din tigi lilhom assenjata fit-termini ta' dak li rrakkomanda u qed jigi accettat minn din il-Qorti, il-perit Albert Fenech fir-relazzjoni fuq imsemmija. Ghall-precizzjoni qed jinghad illi l-kwoti tat-totalita' u dawk li huma konfini, l-posizzjoni tidher li giet xi ftit jew wisq riveduta fil-mori ta' dan l-appell – ir-rizultat huwa illi l-kwota tal-appellanti li sejra tissarraf f'porzjon art hija ta' decima parte ($^{1}/_{10}$) tat-total kif spjegat fil-paragrafu 21 tar-relazzjoni fuq riportat.

Ghall-fini tal-pubblikazzjoni tal-att relattiv tal-assenjanzzjoni tal-porzjoni indikata mill-istess perit Fenech fir-relazzjoni tieghu, din il-Qorti qed

tinnomina ghall-fini ta' pubblikazzjoni tal-att relattiv lin-nutar Dr. Paul Pullicino illi ghandu wkoll jimxi fuq il-bazi tal-pjanta ezebita mal-istess relazzjoni kif spjegat mill-perit tekniku. L-att relattiv ghandu jsir f'gurnata li jiffissa l-istess nutar Paul Pullicino jew fl-edificcju ta' din il-Qorti jew inkella fl-ufficju tieghu u s'intendi wara li jkun ta d-debitu pre-avviz lid-difensuri tal-partijiet cioe' lil Dr. Mario Demarco u lil Dr. Peter Caruana Galizia. L-att relattiv possibbilment ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar u hmistax-il gurnata mil-lum. Il-perit Albert Fenech qieghed jigi wkoll nominat b'din is-sentenza biex jassisti jekk ikun hemm bzonn lin-nutar Paul Pullicino ghal dawk li huma indikazzjoni ta' konfini ghall-fini ta' kuntratt u biex tigi indikata bi precizjoni fuq il-pjanta li ser tigi annessa mal-att relattiv il-porzjoni li tigi assenjata lill-appellanti. Qed jigi nominat ukoll l-avukata Dr. Roberta Gauci u l-PL Mario Mifsud Bonnici biex jidhru ghall-kontumaci okkorendo. L-ispejjez ta' dan l-appell jigu sopportati mill-appellanti fic-cirkostanzi u dawn jinkludi wkoll dawk tal-perit Albert Fenech.

Dep/Reg

mg